

Kawża T-177/07

Mediaset SpA

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Għajnuna mill-Istat — Telekomunikazzjonijiet — Sussidji għax-xiri ta’ dekoders diġitali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta’ għajnuna mill-Istat — Esklużjoni tad-dekoders li jippermettu r-riċezzjoni ta’ programmi televiżivi mxandra bis-satellita — Vantaġġ — Natura selettiva — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni”

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-15 ta’ Ġunju 2010 II - 2347

Sommarju tas-sentenza

1. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1))*
2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Vantaġġ mogħti lill-benefiċjarji ta’ għajnuna mill-Istat (Artikolu 87(1) KE)*
3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Vantaġġ mogħti lill-benefiċjarji ta’ għajnuna mill-Istat — Vantaġġi indiretti — Inklużjoni (Artikolu 87(1) KE)*

4. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajjnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE — Kundizzjonijiet (Artikolu 87(3)(ċ) KE)*
5. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat — Karatterizzazzjoni tal-effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri (Artikoli 87(1) KE u 253 KE)*
6. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajjnuna illegali — Għajjnuna mogħtija bi ksur tar-regoli proċedurali tal-Artikolu 88 KE — Aspettattivi leġittimi possibbli tal-benefiċjarji — Ċertezza legali — Protezzjoni — Kundizzjonijiet u limiti (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1))*

1. Ir-rikors promotur li, skont l-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, għandu jesponi s-suġġett tal-kawża u l-motivi invokati, jista' jiġi sostnut u kkompletat, fuq punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet ta' dokumenti li huma annessi miegħu, iżda l-annessi għandhom biss funzjoni purament probatorja u strumentali. Għaldaqstant, dawn ma jistgħux iservu sabiex jiżviluppaw motiv espost sommarjament fir-rikors billi jressqu lmenti jew argumenti li ma humiex fih. Rikorrent għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ilmenti preċiżi li fuqhom il-Qorti Ġenerali hija mitluba tagħti deċiżjoni, kif ukoll, għall-inqas b'mod

sommarju, il-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom huma bbażati dawn l-ilmenti.

(ara l-punti 24, 25)

2. Miżura li tikkonsisti f'sussidju pubbliku mogħti lil kull utent tas-servizz ta' xandir li jixtri jew jikri apparat adattat li jippermetti r-riċezzjoni, b'mod mhux ikkodifikat u li ma jinvolvi ebda hłas għall-utenti u għall-fornitur tal-kontenut,

tas-sinjali televiżivi ta' teknoloġija diġitali terrestri tikkostitwixxi vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE mogħti lix-xandara diġitali terrestri u lill-operaturi li jxandru bil-kejbil meta mqabbla max-xandara bis-satellita.

Fil-fatt, meta l-benefiċċju ta' din il-miżura huwa suġġett għall-ħtieġa li jiġu sodisfatti numru ta' kundizzjonijiet kumulattivi, li fosthom hemm dik li l-apparat li jippermetti r-riċezzjoni ta' sinjali televiżivi diġitali terrestri għandu jinxtara jew jinkera, din evidentement ma tistax tkun ta' benefiċċju għall-konsumatur li jiddeċiedi li jixtri jew jikri apparat li jippermetti esklużivament ir-riċezzjoni ta' sinjali televiżivi diġitali bis-satellita. Għaldaqstant, fir-rigward tal-miżura ta' għajjnuna marbuta mas-suq tat-televiżjoni diġitali, l-imsemmija miżura ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' newtralità teknoloġika imposta mill-Kummissjoni.

L-iżvilupp ta' udjenza jirrappreżenta parti essenzjali tal-attività kummerċjali ta' xandara ta' programmi televiżivi. Barra minn hekk, għandu jitqies li din il-miżura ta' għajjnuna, minn naħa, tinkoraġġixxi lill-konsumaturi jgħaddu mis-sistema analoga għas-sistema diġitali terrestri filwaqt li jiġu limitati l-ispejjeż li x-xandara ta' televiżjoni diġitali terrestri kien ikollhom ibatu u, min-naħa l-oħra, tippermetti li l-istess xandara jikkonsolidaw il-pożizzjoni eżistenti tagħhom fis-suq, f'termini tal-immagħni tat-trade mark u tal-fiduċja tal-klijentela, meta mqabbla mal-kompetituri ġodda.

Il-fatt li din il-miżura hija ta' benefiċċju kbir għall-konsumaturi peress li tnaqqas il-prezz tad-dekoders iktar sofistikati għal-livell tal-prezz ta' dekoders bażiċi ma għandu l-ebda effett fuq il-fatt li din tikkostitwixxi wkoll vantaġġ għax-xandara terrestri u għall-operaturi li jxandru bil-kejbil.

Barra minn hekk, il-prezz tad-dekoder jikkostitwixxi karattersitika determinanti li t-tele spettatur jieħu inkunsiderazzjoni meta jagħmel l-għażla tiegħu. Fir-rigward ta' sussidju mogħti b'mod dirett lill-konsumaturi, dan għandu bħala effett awtomatiku li jwassal għal tnaqqis fil-prezz tax-xiri jew tal-kiri tal-apparat li jippermetti r-riċezzjoni ta' sinjali televiżivi diġitali terrestri. Issa, tali tnaqqis fil-prezz jista' jaffettwa l-għażla tal-konsumaturi li huma attenti għall-ispejjeż.

Barra minn hekk, din il-miżura għandha natura selettiva anki jekk ix-xandara bis-satellita jistgħu jibbenefikaw minn din il-miżura billi joffru dekoders "ibridi", jiġifieri dekoders kemm terrestri kif ukoll li jaħdmu bis-satellita. Fil-fatt, f'din l-ipoteżi, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dekoders "ibridi" mix-xandara bis-satellita jimplika spiża supplimentari li, trazzmessa fuq il-prezz tal-bejgħ lill-konsumaturi, tista' tiġi kkompensata aħjar permezz tal-miżura inkwistjoni li minnha jibbenefikaw dawn tal-aħħar. Għalhekk, ix-xandara bis-satellita jinsabu f'pożizzjoni inqas vantaġġuża meta mqabbla max-xandara terrestri u mal-operaturi li jxandru bil-kejbil, peress

li dawn tal-aħħar ma jkollhom għalfejn jgħaddu l-ebda spiża supplimentari għal fuq il-prezz tal-bejgħ tad-dekodors imħallas mill-konsumaturi benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni.

4. Sabiex tkun kompatibbli mas-suq komuni fis-sens tal-Artikolu 87(3)(ċ) KE, għajnuna għandha jkollha għan ta' interess komuni u tkun meħtieġa u proporzjonali għal dan l-għan.

(ara l-punti 56, 57, 60, 62, 64, 65, 68, 95)

3. L-Artikolu 87 KE jipprojbixxi l-għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, mingħajr ma jagħmel distinzjoni skont jekk il-vantaġġi relatati mal-għajnuna jingħatawx b'mod dirett jew indirett. Għaldaqstant, vantaġġ mogħti direttament lil ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma humiex neċessarjament impriżi jista' jikkostitwixxi vantaġġ indirett u, għalhekk, għajnuna mill-Istat għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li huma impriżi.

Għaldaqstant, sussidju mogħti lill-konsumaturi jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat favur operaturi li jipprovdu l-prodotti jew is-servizzi ta' konsum.

(ara l-punti 75, 76)

Fir-rigward ta' miżura li tikkonsisti f'sussidju pubbliku mogħti lil kull utent tas-servizz ta' xandir li jixtri jew jikri apparat adattat li jippermetti r-riċezzjoni, b'mod mhux ikkodifikat u li ma jinvolvi ebda ħlas għall-utenti u għall-fornitur tal-kontenut, tas-sinjali televiżivi ta' teknoloġija diġitali terrestri, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-għan ta' interess komuni huwa li jirrimedja għal problemi ta' funzjonament tas-suq li jirrigwardaw b'mod partikolari l-problema ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi, li hija l-orijini ta' ostakolu għall-iżvilupp tax-xandir diġitali.

Fil-fatt, meta ix-xandara tat-televiżjoni li huma diġà attivi fis-suq ikollhom iqisu l-iffissar ta' terminu legali għas-sospensjoni tat-trażmissjonijiet b'mod analogu bħala fatt stabbilit u, għaldaqstant, jibdeu strateġiji kummerċjali ġodda, is-sussidji għax-xiri tad-dekodors diġitali ma humiex meħtieġ sabiex jikkoreġu l-problema ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-suq, peress li l-imsemmija problema hija diġà rregolata mill-eżistenza ta' data vinkolanti għat-tranżizzjoni għad-diġitali.

Barra minn hekk, peress li t-televiżjoni diġitali tokkupa pożizzjoni importanti ħafna, ir-riskju, għall-operaturi kummerċjali, li ma tintlaħaqx massa kritika ta' konsumaturi, minħabba problema ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi, ma huwiex tali li huma ma jkunux f'pożizzjoni li jaffaċċjawh.

għajnuna illegali bi ħsara għal dawk li jinnotifikaw l-għajnuna meta tkun fl-istadju ta' proposta. B'mod partikolari, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-għajnuna inkwistjoni hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, mingħajr ma jkun neċċessarju li jiġi ddefinit is-suq inkwistjoni.

(ara l-punti 125, 126)

(ara l-punti 144 -146)

5. Applikat għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna, l-obbligu ta' motivazzjoni jirrikjedi li jiġu indikati r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE. Fir-rigward tal-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni, għalkemm il-Kummissjoni, fil-motivi tad-deċiżjoni tagħha, hija marbuta tirreferi, għall-inqas, għaċ-ċirkustanzi li fihom ingħatat għajnuna meta dawn jippermettu li jintwera li l-għajnuna hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, hija, madankollu, ma hijiex marbuta tagħmel analiżi ekonomika tas-sitwazzjoni reali tas-swieq ikkonċernati, tas-sehem tas-suq tal-impriżi benefiċjarji tal-għajnuna, tal-pożizzjoni tal-impriżi kompetituri u tal-kurrenti kummerċjali bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, fil-każ ta' għajnuna mogħtija kontra l-liġi, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta turi l-effett reali li din l-għajnuna kellha fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Li kieku dan kien il-każ, fil-fatt, din in-neċessità twassal sabiex jiġu avvantaġġati l-Istati Membri li jagħtu
6. Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 88 KE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, fil-każ ta' deċiżjoni negattiva dwar għajnuna illegali, li l-Istat Membru kkonċernat għandu jadotta l-miżuri kollha neċċessarji sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju tagħha. Madankollu, din l-istess dispożizzjoni tistabbilixxi li l-Kummissjoni ma għandhiex timponi l-irkupru tal-għajnuna jekk, billi tagħmel hekk, hija tikser prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju. Madankollu, l-impriżi benefiċjarji ta' għajnuna jista' jkollhom, bħala prinċipju, aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-regolarità tal-għajnuna biss jekk l-għajnuna tkun ingħatat fl-osservanza tal-proċedura. Fil-fatt, operatur ekonomiku diliġenti għandu normalment

ikun f'pożizzjoni li jiżgura ruħu li din il-proċedura tkun ġiet osservata, anki meta n-natura illegali tad-deċiżjoni tal-ġhoti tal-ġhajnuna hija imputabbli lill-Istat li jaġhti l-ġhajnuna b'tali mod li r-revoka ta' din il-miżura tkun tidher li tmur kontra l-prinċipju ta' *bone fide*.

Il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrikjedi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari u preċiżi u huwa intiż li jiggarrantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jaqgħu taħt id-dritt Komunitarju. Fil-kuntest tal-ħlas lura ta' ġhajnuna li ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni, l-ebda dispożizzjoni

ma teżiġi li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont eżatt tal-ġhajnuna li għandha tiġi rkuprata. Fil-fatt, huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi indikazzjonijiet li jippermettu li d-destinatarju tagħha nnifsu jkun jista' jiddetermina, mingħajr diffikultajiet eċċessivi, dan l-ammont. Minn dan jirriżulta li ma hemmx ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba d-diffikultà li jiġi ddeterminat il-valur eżatt ta' wieħed mill-parametri tal-metodu ta' kalkolu espost fid-deċiżjoni kkontestata.

(ara l-punti 170, 173, 179-181)